

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni 13 ta' Novembru 2012 —  
Antrax It vs UASI — THC (Radiateurs de chauffage)**

(Kawża T-83/11 u T-84/11) <sup>(1)</sup>

(“Disinn Komunitarji — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Disinni Komunitarji rreġistrati li jirrapp-reżentaw termosifuni għal radjaturi ta’ tisħin — Disinni preċedenti — Raġuni għal invalidità — Nuqqas ta’ karattru individwali — Nuqqas ta’ impressioni globali differenti — Artikolu 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 — Saturazzjoni tal-eċċellenza — Obbligu ta’ motivazzjoni”)

(2012/C 399/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Antrax It Srl (Resana, l-Italja) (rappreżentant: L. Gazzola, avukat)

Konvenut: L-Uffiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment G. Mannucci u A. Folliard-Monguinal, sussegwentement A. Folliard-Monguinal u F. Mattina, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralni: The Heating Company (THC) (Dilsen, il-Belġju) (rappreżentant: J. Haber, avukat)

**Suġġett**

Rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tat-Tielet Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tat-2 ta' Novembru 2010 (Każijiet R 1451/2009-3 u R 1452/2009-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn The Heating Company (THC) u Antrax It Srl.

**Dispożittiv**

- (1) Id-Deċiżjonijiet tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-2 ta' Novembru 2010 (Każijiet R 1451/2009-3 u R 1452/2009-3) huma annullati sa fejn id-disinni Nru 000593959-0001 u Nru 000593959-0002 ġew iddikjarati invalidi.
- (2) Il-kumplament tar-rikorsi huwa miċħud.
- (3) L-UASI għandu jħabti, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti minn Antrax It Srl fil-proċedura quddiem il-Qorti Ĝeneralni.
- (4) The Heating Company (THC) għandha tħabti, minbarra l-ispejjeż tagħha stess quddiem il-Qorti Ĝeneralni, dawk sostnuti minn Antrax It fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 113, 9.4.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-7 ta' Novembru 2012 —  
Giordano vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-114/11) <sup>(1)</sup>

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Sajd — Konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd — Rikostituzzjoni tal-ħażnej tat-tonn aħmar — Miżuri ta’ urġenza li jipprekludu s-sajd b’bas-timenti bil-purse seines — Aġir illeċitu — Rabta kawżali”)

(2012/C 399/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Jean-François Giordano (Sète, Franza) (rappreżentanti: D. Rigeade u J. Jeanjean, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet u D. Nardi, aġenti)

**Suġġett**

Rikors għad-danni intiż li jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta’ emerġenza fir-rigward ta’ bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċeān Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Meditarran (ĠU L 155, p. 9).

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Jean-François Giordano huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 139, 7.5.2011

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-8 ta' Novembru 2012 —  
Il-Kummissjoni vs Strack**

(Kawża T-268/11 P) <sup>(1)</sup>

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Leave — Leave tal-mard — Annullement fl-ewwel istanza tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta t-trasferiment tad-dritt tal-ġranet ta’ leave annwali mhux meħuda mill-persuna kkonċernata — Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal — Direttiva 2003/88 KE — Appell fondat — Kawża fi stat li tiġi deċiża — Ċaħda tar-rikors”)

(2012/C 399/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Eggers u J. Currall, aġenti)